**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2023/2117(INI)**

5.9.2023

# ABOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni – rapport annwali 2023
(2023/2117(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: David McAllister

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....3

NOTA SPJEGATTIVA .....10

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni - rapport annwali 2023**
**(2023/2117(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 21u 36 tiegħu

– wara li kkunsidra r-rapport tal-15 ta' Ġunju 2023 mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà bit-titolu "CFSP Report – Our priorities in 2023" (Rapport tal-PESK– Il-prioritajiet tagħna fl-2023")

– wara li kkunsidra l-"Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali", approvat mill-Kunsill Ewropew fl-24 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u tat-30 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna (COM(2023)0338),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Bank Ewropew tal-Investiment tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Portal Globali" (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew" (JOIN(2023)0017),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-23 ta' Frar 2023 bit-titolu "Principles of the Charter of the United Nations underlying a comprehensive, just and lasting peace in Ukraine" ("Prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li fuqha hija bbażata l-paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna" (A/RES/ES-11/6), u riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-aggressjoni kontra l-Ukrajna,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fis-7 ta' April 2022 bit-titolu "Suspension of the rights of membership of the Russian Federation in the

Human Rights Council" ("Sospensjoni tad-drittijiet ta' sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem") (A/RES/ES-11/L.4),

– wara li kkunsidra r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali,

– wara li kkunsidra r-Regola 54 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0000/2023),

A. billi l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli qed tiġi dejjem aktar ikkontestata mill-atturi awtokratiċi li jippruvaw jimminaw l-organizzazzjonijiet multilaterali, jikkawżaw id-destabbilizzazzjoni u jheddu s-sigurtà globali;

B. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslet lill-UE biex tagħti prioritá mġedda lill-politika tagħha ta' espansjoni, li tibqa' l-iżjed strument effettiv tal-politika barranija tagħha;

C. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna enfasizzat il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE iżjed ambizzjuża, kredibbli u unita fuq livell dinji u enfasizzat il-ħtieġa għall-Istati Membri biex juru r-rieda politika meħtieġa biex jiddefinixxu mill-ġdid il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) f'politika Ewropea kompletament żviluppata;

1. Jisħaq li l-abbiltà tal-UE li taġixxi bħala protagonista globali tal-politika barranija, sieħba internazzjonali affidabbli u protagonista kredibbli tas-sigurtà u d-difiża, tiddependi fuq l-abbiltà tagħha li tippromwovi l-valuri tagħha filwaqt li b'mod proattiv tiddefinixxi, tasserixxi u tiddefendi l-interessi tagħha fid-dinja;

2. Ifakkar li fl-azzjoni barranija tagħha, l-UE trid tkun iggwidata mill-valuri u l-prinċipji minquxa fl-Artikolu 2, l-Artikolu 3 (5) u l-Artikolu 21 tat-TUE, li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha stess, jemmen li l-UE trid tifforma l-PESK tagħha kif xieraq, u abbażi tal-erba' prinċipji li ġejjin: l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-adattament tal-istrutturi tal-UE u tal-proċeduri deċiżjonali, l-infurzar tal-multilateraliżmu abbażi tar-regoli, u l-asserzjoni tal-interessi permezz tal-iżvilupp ta' sħubijiet robusti u strateġiċi;

***L-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna***

3. Itenni l-kundanna tiegħu, fl-iżjed sens b'saħħtu possibbli, tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jitlob li r-Russja u r-rappreżentazzjoni tagħha jtemmu l-azzjoni militari kollha u li t-tmexxija Russa tirtira immedjatament u inkondizzjonalment it-truppi tagħha mill-Ukrajna u minn kwalunkwe pajjiż ieħor li illegalment tokkupa t-territorju tiegħu jew partijiet minnu;

4. Jagħti ġieħ lill-poplu qalbien tal-Ukrajna, li mhux biss qiegħed jiddefendi lil pajjiżu, lis-sovranità, lill-indipendenza, u lill-integrità territorjali tiegħu b'mod kuraġġuż, imma anki l-istil ta' ħajja Ewropew tiegħu;

5. Jenfasizza li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tiddestabbilizza l-

Viċinat tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent, li b'konsegwenza tipperikola s-sigurtà tal-UE nnifisha, iqis li l-UE għaldaqstant għandha tipprijoritizza l-proċess ta' tkabbir u r-riforma tal-politika tal-viċinat;

6. Itenni l-ħtieġa tal-Istati Membri li jagħmlu investimenti kollettivi fid-difiża u jitlob li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa tal-Boxxla Strateġika;

7. Ifaħħar lill-Kunsill u lill-Istati Membri għar-risposta determinata għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jitlob li l-Federazzjoni Russa tkun aktar iżolata bir-rinfurzar tal-applikazzjoni tal-miżuri restrettivi, anki kontra l-Belarussja, jappellla għal diplomazija proattiva ma' pajjiżi terzi sabiex titnaqqas iċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet, jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u Viċi President u lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw l-appoġġ internazzjonali għall-formula ta' paċi ppreżentata mill-Ukrajna, jissottolinja l-ħtieġa urġenti għall-UE u l-Istati Membri tagħha biex jimbuttaw għall-ħolqien ta' tribunal internazzjonali speċjali biex issir prosekuzzjoni kontra d-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna mwettaq mit-tmexxija politika u militari tal-Federazzjoni Russa u l-alleati tagħha, iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta legalment siewja għall-użu ta' assi Russi immobilizzati biex tiġi ffinanzjata r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;

8. Jilqa' l-ħolqien rapidu tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea; jinnota li din il-missjoni hija turija tanġibbli tal-appoġġ sod tal-UE għall-Ukrajna;

9. Jistieden lill-Istati Membri jżommu d-determinazzjoni li diġà wrew u jipprovdu lill-Ukrajna b'iżjed appoġġ politiku, umanitarju, militari, relatat mal-infastruttura, ekonomiku u finanzjarju sakemm ikun neċessarju; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna;

10. Jinsisti li l-UE ma tistax tibqa' sserraħ fuq il-mobilizzazzjoni ad hoc u jfakkar, f'dan il-kuntest, fil-ħtieġa li ntejbu l-kapaċità tal-UE li taġixxi b'reazzjoni għall-kriżijiet globali;

***Adattament tal-istrutturi tal-UE u proċeduri deċiżjonali***

11. Jiddispjaċih li l-potenzjal għal azzjoni barranija, ta' sigurtà u ta' difiża veloċi, effiċjenti u effettiva, kif prevvist fil-klawżoli passerelle tat-TUE, intuża b'mod limitat biss, itenni t-talba tiegħu biex il-Kunsill jaqleb gradwalment għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet f'oqsma tal-PESK li m'għandhomx implikazzjonijiet militari jew ta' difiża;

12. Itenni li l-Parlament għandu rwol integrali fil-PESK, billi jagħti kontribut speċifiku għaliha permezz tal-istrumenti, mezzi u kuntatti distinti tiegħu

13. Jitlob li jsir użu sħiħ mill-approċċ ta' "Tim Ewropa" sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi, jinsisti li l-Parlament huwa parti minn "Tim Ewropa" u għandu jiġi trattat bħala tali;

14. Jemmen li hemm bżonn ta' sorveljanza parlamentari aktar b'saħħitha tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż l-aċċess regolari għal informazzjoni kunfidenzjali;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiddeddikaw biżżejjed finanzjament għall-PESK

*Rinfurzar ta' multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli*

16. Jenfasizza li l-fora multilaterali, l-aktar in-NU u l-aġenziji tagħha, iridu jitqiesu bħala l-format ta' kooperazzjoni magħżul tal-UE; jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar ir-rilevanza li dejjem tiżdied ta' formati esklussivi ta' kooperazzjoni, li jixhdu kompetizzjoni dejjem akbar bejn il-potenzi l-kbar, jistieden lill-Istati Membri biex jinfurzaw il-forom inklussivi tal-governanza multilaterali u jinkuraġġixxi, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Kunsill biex isaħħu l-kooperazzjoni interistituzzjonali mal-organizzazzjonijiet multilaterali li huma integrali għas-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u l-ġestjoni tal-beni komuni globali;

17. Jenfasizza li l-UE għandha tibqa' alleat affidabbli fil-kooperazzjoni globali għall-iżvilupp; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-UE qiegħda tiffaċċja żieda fix-xettiċiżmu u d-diżimpenn; jitlob lill-UE tirrispondi għall-aspettattivi tal-pajjiżi sħab u li timplimenta malajr b'rabta ma' ftehimiet politiċi magħhom sabiex turi li s-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli tista' tindirizza l-isfidi kontemporanji;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża il-Portal Globali bħala strument b'mod effettiv biex iżżid il-preżenza u l-viżibbiltà tal-UE globalment permezz ta' investiment fl-infastruttura li joħloq valur nazzjonali fil-pajjiżi sħab, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

*L-affermazzjoni tal-interessi permezz tal-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi robusti*

19. Jenfasizza l-bżonn li jissaħħu sħubijiet eżistenti ma' pajjiżi tal-istess fehma u jenfasizza l-importanza tal-ħolqien ta' alleanzi ma' pajjiżi oħrajn fin-Nofsinhar Globali;

20. Jisħaq l-importanza ta' kooperazzjoni transatlantika b'saħħitha u strateġika, jistieden lill-Kummissjoni biex trawwem rabtiet eqreb ma' sħab ewlenin kemm fl-Istati Uniti kif ukoll fil-Kanada sabiex tilqa' għall-isfidi globali li jaffettwaw il-valuri komuni, l-interessi, is-sigurtà u l-prosperità tagħna;

21. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qafas ta' Windsor; jitlob għal impenn iżjed strutturat mar-Renju Unit f'affarijiet barranin u għal involviment akbar tar-Renju Unit fis-sigurtà Ewropea u l-proġetti ta' difiża;

22. Jilqa' kemm it-tnedija tal-grupp konsulattiv Belarussja-UE biex jippermetti d-djalogu kontinwu bejn l-UE u l-forzi demokratiċi Belarussi, u l-appoġġ kontinwu pprovdut lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Russi u lill-media indipendenti barra u ġewwa r-Russja;

23. Ifakkar fil-bżonn li jintwera impenn politiku ġenwin għan-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija, mal-Montenegro, mal-Maċedonja ta' Fuq u mas-Serbja, li jkunu kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE;

24. Jilqa' l-għoti tal-istatus ta' kandidat lill-Ukrajna, lill-Moldova, lill-Bożnija-Ħerzegovina u t-tneħħija tar-rekwiżiti ta' viża għaċ-ċittadini tal-Kosovo, ifakkar li t-talba għall-adeżjoni tal-Georgia mal-UE se tkun ivvalutata abbażi tal-merti tagħha stess u tas-suċċess tal-pajjiż fl-ilħuq tal-kriterji ta' Copenhagen għas-sħubija fl-UE;

25. Jemmen li l-adeżjoni fl-UE tal-Ukrajna u tal-Moldova tkun investiment ġeostrateġiku f'Ewropa magħquda u b'saħħitha, ifaħħar il-progress diġà milħuq fir-riformi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ambizzjuż biex jibdew in-negozjati tal-adeżjoni qabel tmiem is-sena, kif ukoll l-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna u l-Moldova fil-politiki u l-programmi tal-UE;

26. Jisħaq li fin-nuqqas ta' bidla drastika fid-direzzjoni mill-Gvern Tork, il-proċess ta' adeżjoni tat-Türkiye ma jistax ikompli, jitlob lill-UE u lill-Gvern Tork biex jimxu 'l quddiem lejn sħubija eqreb, iżjed dinamika u strateġika, jistieden lill-Kummissjoni biex issib qafas paralleli u realistiku għar-relazzjonijietbejn l-UE u t-Turkija li jiġbor l-interessi tal-partijiet kolha involuti;

27. Jinkuraġġixxi lir-Rappreżentant Għoli u Viċi President u lill-Kummissjoni jsaħħu d-dimensjoni tan-Nofsinhar tal-viċinat tal-UE, inkluż permezz ta' iktar djalogu, u biex jiżguraw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-aġenda l-ġdida għall-Mediterran;

28. Jinnota l-ftehim politiku dwar pakkett ta' sħubija komprensiva mat-Tuneżija; ifakkar li dan il-memorandum ta' ftehim għandu kundizzjonijiet u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura konformità magħhom;

29. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm involviment aktar strateġiku mal-pajjiżi tal-Golf, partikolarment dwar il-promozzjoni tas-sigurtà reġjonali, il-kooperazzjoni, l-azzjoni klimatika u d-drittijiet tal-bniedem;

30. Jilqa' t-tkomplija tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn ir-Renju tal-Arabja Sawdija u r-Repubblika Iżlamika tal-Iran, jikkundanna r-ripressjoni brutali mill-pulizija u l-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż il-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, għad-demostrazzjonijiet wara l-mewt ta' Masha Amini;

31. Jilqa' l-Ftehimiet ta' Abraham u jistenna li ser iwasslu għall-paċi, l-istabbiltà u t-tnaqqis tat-tensjonijiet fil-Lvant Nofsani, itenni l-appoġġ sod tiegħu għal soluzzjoni ta' żewġ stati nnegozjata għall-Iżrael u l-Palestina abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'żewġ stati sovrani demokratiċi u b'Ġerusalemm bħala l-kapitali kondiviża tagħhom;

32. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiżdied il-preżenza tal-UE fl-Asja Ċentrali bi tweġiba għall-involviment Russu u Ċiniż fir-reġjun, jenfasizza l-interess tal-UE biex iżżid ir-relazzjonijiet ekonomiċi u tintesifika r-rabtiet politiċi mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, parzjalment biex titnaqqas iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarus;

33. Itenni li Indo-Paċifiku paċifiku, stabbli u bbażat fuq ir-regoli huwa ta' interess Ewropew vitali u jħeġġeġ, għal dan il-għan, rabtiet politiċi eqreb ma' sħab tal-istess fehma f'konformità mal-istrateġija għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku tal-UE, b'mod partikolari mal-Ġappun, mar-Repubblika tal-Korea, mal-Awstralja u ma' New Zealand;

34. Jinnota li l-isfidi ġeopolitiċi saħħew l-interess kondiviż tal-UE u l-Indja fl-iżgurar tas-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli; jilqa' l-ħolqien tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija UE-Indja; jitlob li jsir summit bejn l-Indja u l-UE biex ir-relazzjonijiet bilaterali jinżammu fuq quddiem fl-aġenda;

35. Jikkunsidra li l-iżvilupp taċ-Ċina jibqa' wieħed mill-isfidi ġeopolitiċi ewlenin tas-seklu 21 u jirrikjedi risposta multidimensjonali li permezz tagħha l-UE żżomm l-impenn tagħha maċ-Ċina fuq numru ta' kwistjonijiet ewlenin filwaqt li tnaqqas ir-riskju tar-relazzjoni tagħha billi tnaqqas l-eċċess tad-dipendenza ekonomika f'setturi kritiċi;

36. Jikkundanna s-sistema ta' xogħol furzat immexxija mill-gvern Ċiniż u d-delitti tiegħu kontra l-umanità fi Xinjiang; ifakkar li l-"Politika ta' Ċina waħda" tibqa' l-pedament tar-relazzjonijiet UE-Ċina;

37. Jikkundanna bil-qawwa l-provokazzjonijiet militari kontinwi taċ-Ċina kontra t-Tajwan u jtenni ċ-ċaħda soda tiegħu għal kwalunkwe bidla unilaterali fl-istatus quo fl-Istrett tat-Tajwan

38. Jenfasizza li r-riżorsi jeħtieġu jinġabru flimkien, jiġifieri approċċ ta' "Tim Ewropa" ġenwin huwa meħtieġ biex insaħħu b'mod effettiv l-impronta politika tal-UE fil-Paċifiku;

39. Jissottolinja li l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) hija alleat kruċjali fl-infurzar tal-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, jitlob għall-kooperazzjoni mill-qrib f'konformità mad-dikjarazzjoni konġunta tal-mexxejja tal-UE-ASEAN tal-14 ta' Diċembru 2022 sabiex tissawwar id-dinamika reġjonali lil hinn mir-restrizzjonijiet binarji tal-kompetizzjoni Ċiniża-Amerikana;

40. Jilqa' l-iffirmar tal-ftehim ta' wara Cotonou u l-protokolli reġjonali tiegħu, li, ladarba ratifikat, se jippermetti enfasi mingħajr preċedent fuq il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli u Viċi President biex jiżguraw li s-summit UE-Unjoni Afrikana ta' Frar 2022 ikun segwit sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-inizjattivi ta' interess komuni u jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab fl-Afrika;

41. Jinnota s-summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew, iżda jesprimi t-tħassib li dan ma mmarkax punt ta' bidla fir-relazzjonijiet bi-reġjonali, b'mod partikolari meta titqies l-influwenza dejjem tikber taċ-Ċina u tar-Russja fl-Amerka Latina u l-Karibew, jistieden lill-Istati Membri u lis-SEAE biex isegwu diplomazija proattiva fir-reġjun, b'enfasi kbira fuq id-difiża tal-ordni globali multilaterali, il-liġi internazzjonali u r-rispett għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati tal-Ftehim Qafas Avvanzat UE-Ċili u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Messiku, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tavvanza b'mod deċiżiv fuq il-ftehim mal-Mercosur u jfakkar fil-ħtieġa li tiġi ffinalizzata r-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerka Ċentrali;

42. Jitlob li jkun hemm impenn iżjed b'saħħtu tal-UE fl-Artiku in vista tal-konsegwenzi tal-bidla klimatika, il-kompetizzjoni industrijali u ekonomika u l-libertà ta' navigazzjoni;

43. Jissottolinja li r-reġjun polari tan-Nofsinhar irid ikun ikkunsidrat bħala żona emerġenti ta' interess meta titqies id-dinamika ġeopolitika li qed tinbidel; jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni multilaterali fil-ġestjoni taż-żoni marittimi protetti;

°

° °

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA